**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Nru. 632/06**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs**

**Patrick Spiteri;**

**Illum, 09 ta' Dicembru 2020**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Patrick Spiteri, detentur tal-karta tal-identita' numru 642856M;**

U nakkuzah talli f' dawn il-gzejjer f' Gunju, 2006 u matul l-ahhar sitt snin, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda:

a. Fil-kariga tieghu ta’ Supretendent tal-Pulizija, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, irceva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’ utli iehor, jew ta’ xi vantagg iehor, li ghalihom hu ma kellux jedd u minhabba dan naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

b. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, fil-kariga tieghu ta’ Supretendent tal-Pulizija, sew jekk kellu jew ma kellux jedda li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta’ stabbiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi, liema ezazzjoni kontra l-ligi saret b’ theddid jew b’ abbuz ta’ awtorita’;

c. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b’ mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil diversi persuni li jasseixxi jew jikkonferma li kien kapaci jaghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedu ufficjali tal-Pulizija, sabiex igieghel lil dawn l-ufficjali tal-Pulizija jesercitaw dik l-inflouwenza;

d. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal haddiehor bil-ghan li jesercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedu ufficjali tal-Pulizija;

e. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku ikkomunika fatti li kienu gew fdatti lilu jew li kienu gew maghrufa minnu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu u liema fatti kellhom jibqghu sigrieti, jew illi b' xi mod ghen biex jigu maghrufa dawn il-fatti;

f. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghen jew assista lil diversi persuni ohra fl-atti illi bihom dawn l-istess persuni ippreparaw jew ikkunsmaw id-delitt meta dawn ghamlu lottu klandestin jew gabru l-flus tal-gugati fuqu;

g. Talli fl-24 ta' Gunju 2006 u fil-gurnata ta' qabel, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm f' xi fond arma tan-nar.

Ghalhekk, b' dawn l-atti Patrick Spiteri ikkommetta tali reati, filwaqt li kien ufficjali jew impjegat pubbliku u b' hekk sar hati ta' reati li hu kellu jissprvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tapplika l-provvediment ta' l-Artikoli 119, 140 u 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f' kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jew periti f' dawn il-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali fejn elenka l-Artikoli li tahthom tista' tinstab htija fl-imputat;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Novembru 2009[1] fejn l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

[1] A folio 328 tal-process.

Semghet is-sottomissjonijiet finali orali tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

**L-Akkuzi fil-qosor**

Illi f'din il-kawza l-imputat gie akkuzat b'diversi akkuzi illi fil-qosor jinvolvu allegazzjoni ta' tahxim fl-esekuzzjoni tad-doveri tieghu fil-kariga tieghu ta' membru fi hdan il-Korp tal-Pulizija, u dan meta kien id-dover tieghu li jiehu hsieb illi ma jsirux tali reati u dan billi jezercitaw l-influwenza tieghu u jgieghel ufficcjali membri ohra tal-Korp jonqsu milli jaghmlu d-dover taghhom[2].

L-imputat gie akkuzat ukoll illi garr arma tan-nar minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija[3]

## Il-Ligi, Principji u Gurisprudenza Applikabbli

**L-Artikolu 115 (c) tal-Kodici Kriminali.**

L-artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jittratta dwar il-korruzzjoni minn ufficjal jew impjegat pubbliku. Is-subinciz (c) jaqra hekk:

[2] Akkuzi paragrafu a sa paragrafu f.

[3] Akkuza paragrafu g.

*"Kull ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, jitlob, jircevi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma jkollux jedd jehel meta jinstab hati ... jekk barra milli jkun accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, l-ufficjal jew impjegat ikun fil-fatt naqas milli jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel, il-piena ta' prigunerija minn .."*

Illi minn ezami ta' l-artikolu 115 tal-Kodici Kriminali li jikkontempla r-reat ta' korruzzjoni jirrizulta illi l-elementi bazici li jridu jigu ippruvati huma essenzjalment erba' u cioe:

1. in-natura ufficjali jew pubblika ta' l-impieg tal-persuna ikkoncernata.

2. li dik il-persuna irceviet jew accettat flus, jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma ikunux dovuti skond il-ligi.

3. li dana jkun in konnessjoni ma' l-istess kariga jew impieg.

4. li l-iskop ikun illi l-persuna taghmel jew ma taghmilx id-dmir tieghu/taghha.

Illi ghalhekk l-ewwel element essenzjali ghal kummissjoni ta' dana ir-reat huwa n-natura ufficjali jew pubblika ta' l-impieg tal-persuna li allegatament qed tigi korrota.

Illi l-**Professur Mamo** fin-noti tieghu dwar id-dritt penali ighid:

"*The character of public officer or person employed under the Government is the first essential of this crime. The wording is very wide and embraces all officers or employees under the Government. ... It includes all public officers or employees whether their duties are judicial, ministerial or executive or mixed*."

Illi **l-artikolu 92 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta** imbaghad jiddisponi testwalment illi:

*"Taht il-frazi generali 'ufficjal pubbliku' jidhlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, civili u militari, izda wkoll dawk il-persuni kollha li huma mahtura skond il-ligi sabiex jamministraw xi parti tas-setgha ezekuttiva tal-Gvern, jew biex jezegwixxu xi dmir iehor pubbliku impost mil-ligi, sew gudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-wahda u l-ohra."*

**L-Artikolu 112 tal-Kodici Kriminali**

Dan l-Artiklu jaqra hekk:

"*Kull uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew kull impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk ikollu kemm jekk ma jkollux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, jesiġi dak li l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-liġi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa sena.*".

**L-Artikolu 121A tal-Kodici Kriminali**

Dan l-Artiklu jaqra hekk:

*121A. (1) Kull min iwiegħed, jagħti jew joffri, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantaġġ mhux xieraq lil xi persuna oħra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaċi li jagħmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeċiedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli preċedenti ta' dan is-subtitolu u ta' xi persuna oħra, sabiex iġiegħel lil dik il-persuna oħra teserċita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantaġġ mhux xieraq ikun għal dik il-persuna oħra jew għal xi ħadd ieħor, għandu, meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tliet snin sa sitt snin.*

*(2) Kull min jitlob, jirċievi jew jaċċetta xi offerta jew wegħda ta' xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor bil-għan li jeserċita xi influwenza mhux xierqa bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (1)*

*jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita f'dak is-subartikolu.*"

Illi l-interpretazzjoni ta' din id-disposizzjoni tal-ligi giet esposta f'zewg sentenzi moghtija mill-Qrati taghna u cioe' wahda moghtija mill-Qorti Kriminali fit-13 ta' Lulju 2006 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dr. Noel Arrigo** u it-tieni wahda deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Gino Zammit** fejn inghad: "Illi minn ezami ta' l-artikolu gdid 121A jemergu zewg reati separati. Dak kontemplat fis-subartiklu (1) huwa dak ta' persuna li twieghed, taghti jew toffri, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti. Mela hawn ghandha il-kaz fejn A is-soggett attiv, qieghed iwieghed, joffri jew jaghti lil B xi vantagg mhux xieraq biex B jinfluwenza kif jiddeciedi C., sija jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal C jew ghal xi hadd iehor, prezumibbilment D."

**L-Aggravju tar-reat kommess minn ufficjal pubbliku jew impjegat pubbliku meta huwa kellu d-dmir li jissorvelja jew jimpedixxi li dan ir-reat ma jsirx proprju minhabba l-kariga li jokkupa (Artikolu 141).** Il-Qorti jidrilha li dan l-aggravju jista'

jirrizulta stante li gie pruvat illi l-imputat huwa membru tal-Korp tal-Pulizija u ghalhekk kien fid-dmir tieghu illi jara li ma jsirx reat.

**L-Artiklu 141 tal-Kodici Kriminali** jaqra hekk:

"'*Barra mill-każijiet li fihom il-liġi tgħid espressament liema huma l-pieni li għandhom jingħataw għar-reati li jsiru minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi, kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li jsir ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għal dak ir-reat, miżjuda bi grad.*'

Ghalhekk jirrizultaw zewg elementi u cioe:
"Ikun ħati ta' dan ir-reat kemm (i) min jagħmel wegħda jew offerta lil persuna oħra li turi li hi għandha influwenza mhux xierqa fuq kif tiddeċiedi terza persuna li jkollha funzjoni pubblika, biex tinqeda b'dik l-influwenza, u jkun ħati wkoll (ii) min, wara li jkun wera li għandu dik l-influwenza, jaċċetta l-offerta li ssirlu bil-għan li jinqeda b'dik l-influwenza fuq it-terza persuna; ma huwiex biżżejjed li jkun laqa' l-offerta biex jinfluwenza lilu nnifsu."

Dan ir-reat ikun aggravat taħt l-art. 141 jekk min iwettqu kellu d-dmir, minħabba l-ħatra tiegħu, li jara li dak ir-reat ma jseħħx. Din id-disposizzjoni ta' liġi

kienet interpretata hekk mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'sentenza mogħtija fis-17 ta' Lulju 2002 in re **Il-Pulizija versus Emmanuel Testa**: "*Biex jiskatta d-dover jew obbligu taħt l-artikolu 141 imsemmi, irid ikun hemm xi disposizzjoni ta' liġi jew xi kundizzjoni ta' impjieg li, direttament jew indirettament, timponi l-obbligu fuq l-uffiċjal jew impjegat pubbliku li jkun li jissorvelja li ma jsirx xi reat partikolari (jew ir-reati kollha) jew li jimpedixxi dan ir-reat (jew reati).*"

**L-Artiklu 133 tal-Kodici Kriminali** jaqra hekk:

"Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li jikkomunika jew jippubblika dokument jew fatt li jkun ġie fdat lilu jew li jkun ġie magħruf minnu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu, u illi għandu jibqa' sigriet, jew illi b'xi mod igħin biex jiġi magħruf, meta l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi fih innifsu delitt aktar gravi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sena jew il-multa.'

Il-Qorti se tghaddi issa sabiex tqis il-Provi mressqa mill-partijiet.

**Provi**

Xehed **John Rizzo, dak iz-zmien Kummissarju tal-Pulizija**[4] li qal li kien ircieva informazzjoni li l-imputat kien involut f'xi tixhim dwar il-lottu klandestin, kien qed jiehu xi tip ta' *protection money* biex il-Pulizija ma taqdix dmirha. Fl-investigazzjoni dahhal ukoll lid-Deputat Kummissarju, dakinhar Joe Cachia. Baghtu ghall-imputat li fil-kors tal-interrogazzjoni ammetta li dan kien very u semma' xi persuni li kienu jorganizzaw il-loghob klandestin tal-lottu, li minn ghandhom kien jircievi mal-mitt Lira Maltin kull xahar. Il-hlas kien ikun jew biex ma jibghatilhomx nies ifittxulhom jew biex jinfurmahom meta jkunu nezlin il-pulizija jfittxulhom. Dan kien beda xi sitt snin qabel, minn meta kien Spettur l-ALE, li kienet responsabbli wkoll li tara li ma jkunx hemm loghob klandestin fil-pajjiz. Dan kompla wara li spicca minn hemm, kien promos ghall-Supretendent, kien Bormla u anke l-Belt u din is-sitwzzjoni kompliet sakemm bdew dawn il-proceduri. Il-hlas kien isir permezz ta' persuna minn Marsaxlokk billi timpustahomlu d-dar u ccempillu u tghidlu li hallietlu l-licenzji jew inkella taghtihomlu fuq il-post tax-xoghol. Dan skond kif qal l-imputat u anke kif qalet din l-istess persuna.

Jghid li l-imputat irrilaxxja stqarrija ta' disa' pagni wara li inghata t-twissija li jista' ma jirrispondix, izda l-imputat ghazel li jirrispondi u anke li jiffirma l-istess stqarrija Dok. JR 1.

---

[4] A folio 16 tal-process.

Kompla jghid li involva wkoll it-taqsima ta' l-Economic Crime billi baghat ghall-Assistent Kummissarju Michael Cassar u saret operazzjoni biex jingabru n-nies kollha li b'xi mod kienu involuti fil-hlasijiet ta' dawn il-pagamenti ta' kull xahar lill-imputat. Spjega kif saret l-operazzjoni u semma wkoll min kienu l-persuni l-ohra li kienu involuti.

**Stqarrija tal-imputat**

L-istqarrija ta' l-imputat giet esebita bhala Dok JR1 a folio 20 tal-process. Fl-istess stqarrija l-imputat ta l-verzjoni tieghu tal-fatti. Spicca l-istqarrija billi qal "ghamilt zball u nammetih". Mill-istess tqarrija jirrizulta li huwa inghata t-twissija lijista' ma jwegibx ghad-domandi izda jekk iwiegeb dak li jghid jista' jingeb bhala prova. Jirrizulta wkoll li l-imputat ikkollabora mal-ufficcjali investigattivi, wiegeb ghad-domandi u anke iffirma l-istess stqarrija.

Xehed **id-Deputat Kummissarju dak iz-zmien Joseph Cachia**[5] li qal li l-Kummissarju kien infurmah li kellu informazzjoni li l-imputat kien qed jircievi xi flus fuq loghob tal-lottu tal-klandestin. Qal li fuq struzzjonijiet tal-Kummissarju huwa kien cempel lill-imputat u gie d-depot. U wara li nghata s-soliti twissija huwa kien irrilaxxja stqarrija fejn kien ammetta illi kien qed

[5] A folio 29 tal-process.

jircievi madwar mitt lira fix-xahar ghal dawn l-ahhar sitt snin. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla bhala l-persuna li rrilaxxja l-itqarrija u gharaf il-firma tieghu tal-Kummissarju u tal-imputat fuq l-istess stqarrija.

Ix-xhud **Carmelo Farrugia** ghazel illi ma jixhidx biex ma jinkriminax ruhu[6].

Xehed l-Assistent Kummissarju **Michael Cassar[7].** Fl-ewwel parti tax-xhieda tieghu, x-xhud ikkonferma l-investigazzjoni li saret dwar il-hlas tal-flus fuq il-loghob tal-lottu klandestin. Fit-tieni parti tax-xhieda tieghu x-xhud spjega kif f'wiehed minn zewg basktijiet li l-imputat kien nehha mill-ufficcju tieghu, li skond l-imputat kienu jikkontjenu xi xorb, kien instab ukoll senter antik imsaddad maqsum f'zewg bicciet. U li l-imputat kien irrilaxxja stqarrija dwaru fejn spjega li dan kien sabu l-Ghassa ta' San Giljan meta kien stazzjonat hemmhekk fis-sena circa 2000. Qal li ma sab l-ebda record tieghu u peress li kien antic u ma sab l-ebda record tieghu ddecieda li jiehdu u baqa' jgorru mieghu minn San Giljan, ghall-Bormla, ghall-Belt bil-hsieb li jirrangah, jirrestawrah u jaghmlu vintage. Qal li qabel l-imputat irrilaxxja l-istqarrija huwa inghata s-solitu twissija. Huwa esebixxa l-istqarrija mmarkata MC1, esebita a folio 45 tal-process, u fiha gharaf il-firma tal-imputat, ta' l-Ispettur Angelo Gafa u dik tal-imputat. Ix-

6 A folio 32 tal-process.

7 A folio 35 tal-process.

xhud kompla jispjega fid-dettal kif sraet l-investigazzjoni.

Xehed l-**Ispettur Simon Galea**[8] stazzjonat Human Resources fi hdan il-Korp tal-Pulizija. Huwa kkonferma li jaghraf lill-imputat, li l-imputat dahal membru tal-Korp bhala Kuntistabbli fil-05 ta' Frar 1979, inhatar Surgent fis-17 ta' Settembru 1984, inhatar Spettur fis-16 ta' Gunju 1989 u kien promoss ghall-Supretendent fit-13 ta' Settembru 2000 u irrizenja b'effett mill-25 ta' Gunju 2006. Ix-xhud esebixxa dokument MC2 a folio 50 tal-process li juri l-istorja tal-imputat fi hdan il-Korp tal-Pulizija.

Xehdet **WPS 56 Louise Catania**[9], li iddikjarat li minn tfittxija li ghamlet mas-sistema tal-Pulizija l-imputat Patrick Spiteri bin-numru tal-Karta tal-Identita 642856M mhux illicenzjat biex izomm armi u fis-sistema jirrizulta mhux irregistrat. Esebiet Dokument MC3[10]. **In kontro-ezami** mistoqsija jekk il-membri tal-Korp tal-Pulizija li jgorru armi fuqhom humiex licenzjati sabiex igorru armi qalet li "Dik ma nistax nirrispondi ghaliha jiena".

[8] A folio 47 tal-process

[9] A folio 54 tal-process

[10] A folio 57 tal-process

Xehed **Gejtu Zerafa**[11]**,** li inghata s-solitu twissija u ghazel illi jixhed. Qal li ilu snin jaf lill-imputat minn meta l-imputat kien ghadu surgent u li kienu saru hbieb. Spjega li kien hu li ressaq lil Nardu, lil Leli u lil Karmenu mal-imputat. Qal li kien prezenti ghal-laqgha li saret ma' kull wiehed minnhom, fejn intalbet l-ghajnuna mill-imputat sabiex dawn ikunu jafu meta tkun ser issirilhom tfittxija mill-Pulizija. Qal li wara l-meeting kien ftiehem ma' l-imputat kemm se jhallsu flus kull wiehed minnhom lill-imputat, u li kien hu li qalilhom kemm ghandhom ihallsu. Kien hu li kien jigbor il-flus u kien hu li kien jghaddihom lill-imputat. Mistoqsi kemm il-darba saret tfittxija qal li darba zgur li fittxew lil Nardu u li ma jafx kienx hemm aktar okkazjonijiet. Tfittxijiet fuq lohrajn ma semmiex.qal li l-ammont shih kien ta' mitt Lira Maltin u li kollha kien jghaddihom lill-imputat. Qal li ghall-ewwel Nardu kien ihallas hamsin Lira izda imbaghad beda jhallas hamsa u ghoxrin Lira. Il-Hlas kien isir kull xahar. Qal li hu kien jigbor kollox minn ghand Nardu, li kien jghaddilu l-flus ta' Leli wkoll. Hu kien javza lil Nardu biss dwar xi tfittxija u Nardu kien javza lil Leli. Dwar kif kien isir jaf Karmnu, ix-xhud ma qalx. Qal li hu kien jghaddi l-mitt lira lill-imputat u li ma zamm xejn ghalih u li dan kollu baqa' jsir sa xi Mejju ta' dik is-sena u cioe Mejju ta' qabel ma tressaq l-imputat il-Qorti.

[11] A folio 59 tal-process

Xehed **Lenard Cachia**[12] li ghazel li ma jwegibx.

Xehed **Alfred Galea**[13] li spjega li kienu diga ttiehdu passi kontrih u kien wehel mitt Lira multa u sitt xhur sospizi ghal sentejn. Huwa qal li Gejtu kien irrangalu laqgha ma' l-imputat, li fillaqgha ma intqal u ma sar xejn hlief li huwa ghadda lill-imputat it-tahrika li kien ircieva ghall-Qorti. Qal li huwa ha l-piena u qal ukoll illi l-imputat ma ghamel xejn dwar il-karta li kien hadlu. Qal li wara li inqatghet il-kawza kien cempillu Gejtu u qallu biex jiehu xi haga lill-imputat, u hu wiegbu lura ta' xhiex ghax dan ma kien ghamillu xejn, izda biex jaqtaghha fil-qasir hadlu envelope l-Ghassa l-Belt li fih kien hemm hamsa u ghoxrin Lira. Qal li quddiemu l-envelope ma nfetahx. Qal li wara cempillu Gejtu u qallu biex jaghtih xi haga ohra. Hu ma accettax u qatta' s-sim card biex ma jergax icempillu. Qal li lilu qatt ma kellmu l-imputat u li l-imputat qatt ma talbu xejn u qatt ma cempillu. Qal li l-imputat ma kien irrangalu xejn.

Xehed l-i**Spettur Angelo Gafa**[14], stazzjonat Economic Crimes Unit, li spjega li hu kien xhud ta' l-istqarrija Dokument MC 1 u gharaf il-firma tieghu, tal-Assistent Kummissarju Michael Cassar u ta' l-imputat. Huwa spjega li kien ghamel tfittxija, flimkien ma' membri ohra tal-Pulizija lil Nardu Greengrocer ghal-lottu

[12] A folio 97 tal-process

[13] A folio 100 tal-process.

[14] A folio 120 tal-process.

klandestin, fejn ma kien irrizulat xejn la fil-hanut u lanqas fil-karozza ta' Nardu. Nardu gie arrestat, interrogat u rrilaxxja stqarrija fejn spejga li Gejtu kien ressqu ma' l-imputat sabiex ma jibqghux isirulu raids mill-Pulizija. Hu ftiehem ma' Gejtu li kien se jhallas lill-imputat hamsin Lira fix-xahar, u baqa' jhallsu sa ftit xhur qabel ma tressaq l-imputat. Spjega li Nardu qal ukoll illi huwa kien ressaq lil Leli ma' Gejtu u sar l-istess arrangament izda dan kien ihallas hamsa u ghoxrin Lira li kien jghaddihom hu stress lil Gejtu. Qal ukoll li gie interrogat Carmelo Farrugia (riferut mix-xhieda l-ohra bhala Karmnu) li ghall-ewwel cahad kollox izda l-ghada stqarr ukoll li kien Gejtu li laqqghu ma' l-imputat, u li beda jhallas hamsin Lira fix-xahar lil Gejtu biex ma jinzlux aktar fuq il-Pulizija jfittxulu ghal-lottu klandestin.

Xehed l-i**Spettur Ian J. Abdilla**[15], stazzjonat Economic Crimes Unit, illi ukoll spjega fid-dettal kif saret l-invstigazzjoni.

Xehed il-**Brigadier Maurice Calleja**[16]**,** li gie mahtur mill-Qorti sabiex jezamina s-senter li kien gie elevat flimkien max-xorb. Huwa qal li s-senter kien antic, ghandu ta' lanqas tmenin sena, ghandu l-paletta nieqsa u ghaldaqstant ma jistax jigi sparat. Huwa esebixxa r-

[15] A folio 124 tal-process.

[16] A folio 174 tal-process.

rapport ieghu Dokument MC 1, korrett ghal MC 1A[17] a folio 176 tal-process.

Xehed **Emanuel Spiteri[18],** illi ghazel li ma jwegibx.

Xehed **Carmelo Farrugia[19],** illi ghazel li ma jwegibx.

Xehed **Lenard Cachia[20],** illi ghazel li ma jwegibx.

Xehed **Emanuel Spiteri[21],** illi ghazel li ma jwegibx.

Xehed l-i**Spettur Angelo Gafa[22],** li esebixxa sentenza il-Pulizija vs Alfred Galea mmarkata Dok PS 1, a folio 236 tal-process.

Xehed l-i**Spettur Ian J. Abdilla[23],** li kkonferma li kien l-Ufficcjal Prosekutur fil-kawza l-Pulizija vs Alfred Galea u kkonferma s-sentenza.

---

[17] B'digriet tal-Qorti tad-19 t' April 2007.

[18] A folio 181 tal-process.

[19] A folio 204 tal-process.

[20] A folio 206 tal-process.

[21] A folio 181 tal-process.

[22] A folio 234 tal-process.

[23] A folio 272 tal-process.

Xehed **Leonard sive Nardu Cachia[24],** wara li nqatghu l-proceduri kontra tieghu. Huwa qal li lill-imputat rah u kellmu darba wahda biss u kien kellmu fuq citazzjoni li kien ircieva dwar il-kaxxi tal-haxix li kellu barra l-hanut. Qal li hadu jkellmu d-depot certu Gejtu u li Gejtu ma kienx fil-kamra waqt li huwa kellem lill-imputat. Qal li Gejtu qaghad barra l-bieb. Sostna li f'dik il-laqgha hu u l-imputat tkellmu fuq dik ic-citazzjoni biss. Qal li lill-imputat ma kienx jafu u li "Gejtu gie igieghelni biec immure ghandu jien dak, mhux jien ghidtlu". Qal li kien Gejtu li mar fuqu u qallu jekk iridx ihallas hamsin Lira biex il-pulizija ma jmorrux fuqu dwar lottu klandestin. Jghid li ma jafx kemm il-darba hallas "Bl-amment ma nistax nghidlek imma, mhux kull xahar" u li ghamel snin ihallas. Qal li hu kien ihallas lil Gejtu u ma jafx jekk il-flus kinux jaslu ghand l-imputat. Qal li wara xi tlett snin naqqas is-somma huwa stress ghal hamsa u ghoxrin Lira ghax ix-xoghol kien naqas.

Spjega wkoll li f'xi zmien huwa kien laqqa' lil Carmelo Farrugia li ghandu banka tal-Lottu ma' Gejtu Zerafa fejn it-Torri ta' San Luciano, u telaq.

Qal ukoll illi Leli Spiteri kien halla hamsin Lira mieghu, darbtejn, biex hu jghaddihom lil Gejtu.

[24] A folio 283 tal-process.

Spjega illi l-iskwadra tal-ALE kienu marru darbtejn fuqu minhabba li kien halla l-kaxxi tal-haxix vojta barra fuq il-bankina.

Spjega li qabel kellem lill-imputat tal-ALE kienu marru fuqu darba wahda biss, fittxewlu u ma sabu xejn.

Fis-seduta tas-26 ta’ Novembru 2009[25], l-Ispettur Angelo Gafa ghall-Prosekuzzjoni irrinunzja ghax-xhieda ta’ Emanuel Spiteri u Carmelo Farrugia u iddikjara li l-Prosekuzzjoni m’ghandhiex aktar provi.

F’dik l-istess seduta l-imputat wiegeb li m’ghandux oggezzjoni sabiex il-kaz ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Rega’ xehed **in kontro-ezami Gejtu Zerafa**[26] li spjega li huwa kien laqqa’ lil dawn in-nies ma’ l-imputat fuq inizjattiva tieghu stress, li dawn in-nies kienu jafu lilu u mhux lill-imputat u li l-imputat qatt ma talbu sabiex ilaqqghu ma’ xi hadd jew imur ifittex lil xi hadd. Spjega ukoll illi huwa kien jaf li l-ulied il-bniet tal -imputat kellhom problem medici u li l-imputat kien gej u sejjer bihom l-isptar l-Ingilterra.

Spjega illi apparti meta laqqagghom mal-imputat u meta ftiehem fuq il-flus, qatt ma kellu konversazzjonijiet ohra

[25] A folio 328 tal-process.

[26] A folio 335 tl-process.

dwar dawn in-nies ma' l-imputat. Spjega wkoll illi minkejja li kien laqqaghhom mal-impuat, l-imputat kien vzahom illi hu ma jaghmilx mirakli u sabiex joqoghdu attenti u ma jiksrux il-ligi[27]. Spjega wkoll illi kellu ilmenti li dawn kienu qed ihallsu l-flus ghalxejn peress illi l-Pulizija xorta kienu qed imorru jfittxulhom.[28]

Xehed **in kontro-ezami Leonard Cachia[29].** Huwa spjega li l-arrangament kien sar ma' Gejtu u li minkejja dan il-Pulizija xorta kienu qed imorru jfittxulu. Spjega wkoll li kien ilmenta ma' Gejtu illi huwa kien qed ihallas il-flus ghalxejn u Gejtu qallu "Issa naraw", pero xorta baqghu jsirulu tfittxijiet mill-Pulizija. Pjega li b'kollox f'erba' snin sarulu zewg tfittxijiet, darba qabel kellem lil Gejtu u darba wara li kellem lil Gejtu.

Illi fl-20 ta' Gunju 2011, l-imputat ressaq rikors wara illi inghataw is-sentenzi mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawzi fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alvin Privitera, Il-Pulizija vs Mark Lombardi u l-Pulizija vs Esron Pullicino fejn gie dikjarat illi stqarrijiet maghmula mill-imputat lill-Pulizija minghajr ma l-imputat kellu l-fakolta li jikkonsulta ma' Avukat huma lezivi tad-dritt ghal smiegh xieraq kif kontemplat fl-Artiklu 6 (1) u 6

[27] A folio 345 tal-process.

[28] A folio 346 tal-process.

[29] A folio 349 tal-process.

(3) (C) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.[30]

Illi fit-12 t'Ottubru 2011 l-imputat ressaq rikors iehor fejn talab referenza kostituzzjonali fuq dan il-punt kif ukoll fuq il-punt li l-istqarrijiet moghtija minn Leonard Cachia u u Alfred Galea u x-xhieda taghhom ukoll huma mittiefsa bil-fatt illi dawn ittiehdu minghajr ma inghata d-dritt ta' konsultazzjoni ghall-parir legali qabel l-interrogazzjoni.[31] Illi din it-talba giet milqugha u saret referenza kostituzzjonali.

Illi permess tas-sentenza taghha tal-25 ta' Mejju 2012[32] il-Qorti Kostituzzjonali laqghet l-ilment tal-imputat u cioe li gie lez id-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq u dan fir-rigward tal-istqarrijiet rilaxxjati minnu izda mhux fir-rigward tal-istqarrijiet rilaxxjati minn Alfred Galea, Leonard Cachia u Gejtu Zerafa.

Illi din is-sentenza giet revokata b'sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Kostituzzjonali) tal-25 ta' Jannar 2013[33] fejn il-Qorti tal-Appell iddikjarat li ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-imputat.

---

[30] A folio 362 tal-process.

[31] A folio 367 tal-process.

[32] A folio 373 tal-process

[33] A folio 383 tal-process.

Illi permezz ta' nota tal-11 ta' Lulju 2013[34], l-imputat informal ill-Qorti li kienu gew intavolati procedure quddiem il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u prezenta kopja tal-applikazzjoni tieghu.

Xehed l-i**Spettur Jonathan Ferris[35],** fejn l-ezami gie sospiz stante li x-xhud ma kienx f'posizzjoni li jwiegeb peress illi huwa ma kienx l-ufficcjal investigattiv tal-kaz. Kompla jixhed[36] fejn spjega li ma kienx hemm rapport illi is-senter maqsum fi tnejn li nstab ghand l-imputat kien fil-fatt misruq jew mitluf jew kien hemm xi hadd li ghamel talba dwarha. Ikkonferma li dan l-oggett kien oggett ghat-tizjin. Ikkonferma li kien ix-xufier li zvojta l-ufficcju tal-imputat mill-oggetti kollha li kien hemm fih, inkluz din l-arma. Ikkonferma li l-verzjoni tal-imputat dwar din l-arma, fil-kors tal-investigazzjoni skond il-file tal-investigazzjoni tal-Pulizija, ma giet kontradetta minn hadd.

Xehed **Gaetano Zerafa[37]** illi ghazel illi ma jixhidx biex ma jinkriminax ruhu.

[34] A folio 407 tal-process.

[35] A folio 447 tal-process.

[36] A folio 462 tal-process.

[37] A folio 473 tal-process.

Xehed **George Grech**[38], ex Kummissarju tal-Pulizija li xehed dwar il-karattru tal-imputat u dwar il-karriera tal-imputat fi hdan il-Korp tal-Pulizija.

Xehed **Fr Raymond Bonnici**[39], Kappillan fi hdan il-Korp tal-Pulizija li xehed dwar id-drabi li tkellem mal-imputat minn fejn, fost hwejjeg ohra, kien sar jaf ukoll bil-problemi medici li ulied l-imputat kellhom.

Xehed **Il-Kummissarju Lawrence Cutajar**[40], li ukoll xehed dwar il-karriera ta' l-imputat fi hdan il-Korp tal-Pulizija u li wkoll kien sar jaf ukoll bil-problemi medici li ulied l-imputat kellhom.

Xehed **Alfred Abela**[41], ex-Assistant Kummissarju tal-Pulizija, li ukoll xehed dwar il-karriera ta' l-imputat fi hdan il-Korp tal-Pulizija u li wkoll kien sar jaf ukoll bil-problemi medici li ulied l-imputat kellhom.

**Ikkunsidrat:**

Illi skond in-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali tas-16 ta' Frar 2009[42], tista' tinstab htija fl-imputat taht dak li hemm mahsub:

---

[38] A folio 518 tal-process.

[39] A folio 523 tal-process.

[40] A folio 533 tal-process.

[41] A folio 538 tal-process.

[42] A folio 277 tal-process.

(a) Fl-Artiklu 18, 115 (c), 112, 113, 114, 121A(1)(2)(3) u 133 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Fl-Artikoli 18, 42(d), 43, 46 u 47(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-Artikolu 12 tal-Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) Fl-Artikolu 18, 261 (d), 268 u 281 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(d) Fl-Artikoli 2, 3(1A), 9 (1) (3), 19, 26 u 27 tal-Kapitlu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

(e) Fl-Artikoli 119, 140 u 141 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(f) Fl-Artikoli 17, 23, 23B, 30, 31, 289, 532A, 532B, 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti se tghaddi sabiex tqis l-elementi ossija r-rekwiziti li skond il-ligi jiffurmaw ir-reat addebitat lill-imputat taht il-paragrafu (a).

Illi, dwar il-prova li l-imputat huwa ufficcjal pubbliku, mix-xhieda tal-Ispettur Simon Galea[43] jirrizulta li l-imputat fiz-zmien tal-allegati reati kien membru fil-Korp tal-Pulizija fil-kariga ta' Spettur u imbaghad fil-

[43] A folio 47 tal-process.

kariga ta' Supretendent u ghalhekk dan il-fatt gie pruvat u cioe li l-imputat huwa ufficjal pubbliku fit-termini hawn fuq spjegati u ghalhekk ma hemmx dubju li l-ewwel rekwizit gie ampjament pruvat.

Illi fit-tieni lok dik il-persuna trid tkun irceviet jew accettat flus jew xi rigali jew weghda jew offerta u dawn ma jkunux dovuti skond il-ligi.

Fil-fehma ta' din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa u fid-dettal x-xhieda u l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, liema migbura fil-qosor aktar 'il fuq f'din l-istess sentenza, fil-kaz odjern bl-ebda mod ma jirrizulta li l-imputat Patrick Spiteri esiga li jithallas il-flus minnghand l-imsemmija erbgha minn nies. Izda kien Gejtu Zerafa li kien esiga l-flus minn ghandhom, tant illi huma stess xehdu li l-imputat qatt ma talabhom flus. Mhux biss izda xehdu wkoll illi l-flus kienu jaghadduhom lil Gejtu u bhala fatt ma jafux jekk dan Gejtu kienx jghaddi l-flus lill-imputat. Konsegwentament huwa nieqes l-element ta' estorsjoni kif rikjest u kontemplat mil-ligi fl-Artikolu 115 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentament ma tistax tinstab htija fl-imputat f'dan ir-rigward.

**L-Istqarrija tal-Imputat**

Illi din il-Qorti ikkunsidrat iz-zewg sentenzi li gew esebiti li ighataw fil-konfront tal-imputat fir-rigward tar-rikorsi kostituzzjonali u minkejja s-sentenza tal-

Qorti tal-Appell tal-25 ta' Jannar 2013, fejn dik il-Qorti kienet iddikjarat li ma kien hemm l-ebda ksur tad-ddrittijiet fundamentali tal-imputat, tqis illi minn dakinhar sal-lum kien hemm diversi zviluppi fuq dan il-punt, liema zviluppi llum huma ben rassodati fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, stante diversi sentenzi tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem[44], u in partikolari s-sentenzi **Borg vs Malta**[45] u **Salduz vs Turkija** [46]u **Dominic Camilleri vs Avukat Generali**[47]**.**

Illi ghalhekk a bazi tal-imsemmija gursprudenza u fuq skorta tad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**, **Brian Vella vs l-Avukat Generali**, kif ukoll dawk tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rio Micallef et** u **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, l-istqarrijiet tal-imputat, galadarba nghataw minghajr id-dritt li jkun assistit minn Avukat tal-ghazla tieghu u kif ukoll illi l-interrogatorju sar minghajr ma l-imputat kien assistit minn Avukat tal-ghazla tieghu f'tali interrogatorja, din il-Qorti tqis illi l-istqarrijiet irrilaxxjati mill-imputat, kif ukoll ix-xhieda kollha li inghatat mid-diversi ufficcjali fi hdan il-Korp tal-

[44] ECHR

[45] ECHR

[46] ECHR

[47] Qorti Civili, Sede Kostituzzjonali deciza 28 Frar 2017

7

Pulizija dwar l-interrogatoji li saru lill-imputat minghajr dan ma kien assistit minn Avukat, ma ghandhom l-ebda valur probatorju.

Illi fir-rigward tax-xhieda moghtija minn Gejtu Zerafa, minkejja li x-xhud Gejtu Zerafa qal li se jghid il-verita, din il-Qorti ssib li x-xhieda tieghu mhix daqshekk kredibbli. Jibda biex jinghad li huwa difficli li wiehed jemmen li xi hadd jidhol ghal bicca xoghol bhal din ghalxejn, prattikament ghall-inkwiet li ggib maghha biss. Ix-xhud qal li huwa kien prezenti meta kull wiehed minn dawn in-nies kien iltaqa’ mal-imputat izda f’tali laqgha qatt ma ssemmew kemm kellu jkun il-hlas. Minn naha l-ohra l-imputat fl-istqarrija tieghu jghid li hu qatt ma ltaqa’ personalment ma’ dawn in-nies u jekk iltaqa’ kien tkellem wahdu maghhom u ma tkellimx fuq flus. Ix-xhud pero kkonferma li kien hu li qal lil dawn in-nies kemm ghandhom ihallsu wara li tkellem fuq hekk ma’ l-imputat. Din il-Qorti, ma kellhiex il-possibilta li tara lil dan ix-xhud jixhed, la lil dan u lanqas lix-xhieda l-ohra tal-Prosekuzzjoni jixhdu stante illi l-Qorti kif preseduta wirtet dan il-process minn ghand Qorti ohra u ghalhekk ma setetx tifli u tikkunsidra l-komportament tax-xhud waqt li kien qieghed jixhed. Izda qrat u regghet qrat din ix-xhieda u waslet ghall-konkluzjoni li wara illi kien dan l-istess xhud li ressaq lil dawn in-nies lill-imputat, nies li jghid li hu ma kienx jafhom ghajr li kellhom banka tal-lottu u l-iehor kien ibiegh il-haxix, ma hasibhiex darbtejn biex iwikki kollox fuq spallejn l-imputat. Il-Qorti issibha difficli li tifhem kif dawn tal-

lottu li skond ix-xhud huwa kien jaf lil wiehed minnhom biss bhala li kellu banka tal-Lottu, waqt li lill-iehor ma kien jafu xejn, setghu jafdaw lix-xhud li jaghmilha ta' medjatur bejnhom u bejn l-imputat sabiex jintlahaq dan l-arrangament. Il-Qorti hija tal-fehma li biex wiehed jafda lil xi hadd iehor b'sitwazzjoni bhal din, irid ikun hemm hafna aktar minn semplici konoxxenza bejn iz-zewg partijiet. Il-Qorti lanqas ma ssib kredibbli li tali medjatur kien se jaccetta li jaghmel din il-bicca xoghol ghal terz li lanqas biss kien jafu u li kien ressaqulu Nardu. Lanqas ma hu kredibbli li dan ix-xhud ma kien qed jiehu xejn ghal dan li kien qed jaghmel.

Il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova dwar jekk ittiehdux passi kontra dan ix-xhud fir-rigward tal-partecipazzjoni tieghu f'din is-sitwazzjoni u ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li din ix-xhieda ghandha tigi kunsidrata wkoll minn dak il-lat. Illi snin wara li tressaq l-imputat u wara diversi drabi li d-difizi issenjalat dan il-punt illi l-Prosekuzzjoni ma kienet hadet l-ebda passi kontra Gejtu Zerafa, l-Prosekuzzjoni tharrket u harget l-akkuzi kontra Zerafa.

Illi meta dan ix-xhud tressaq sabiex isirlu l-kontro-ezami, dan ma ssoggettax ruhu ghall-kontro-ezami minhabba illi fil-frattemp kienu ttiehdu proceduri kontrih li kienu ghadhom pendenti. Id-difiza fil-fatt irrilevat illi tinsab fi zvantagg minhabba li ma tistax taghmel kontro-ezami u ghamlet referenza ghas-

sentenza **Repubblika ta' Malta vs Ian Farrugia, Il-Pulizija vs Guzeppi Sacco** u **Il-Pulizija vs Pierre Gravina.**

Illi din il-Qorti ghalhekk tqis illi x-xhieda ta' Gejtu Zerafa hija inammissibbli stante illi l-imputat ma setax jaghmel il-kontro-ezami tieghu.

Illi **l-Artiklu 12 tal-Kapitlu 70 tal-Ligijiet ta' Malta** jaqra hekk:

"*12.(1) Il-lottu klandestin, ikun li jkun il-mod li bih u l-isem li taħtu jsir, hu ipprojbit. Din il-projbizzjoni tgħodd fil-każ ta' kull lottu klandestin li jsir b'wegħdiet lill-ġugaturi ta' premjijiet ta' flus jew ta' ħaġ'oħra, jew bil-mezz ta' ġbir jew ta' sottoskrizzjonijiet ta' ġugati fuq komunikazzjonijiet ta' numri li jaqblu ma' dawk tal-lottu pubbliku jew li jkunu bħalhom.*

*(2) Kull min jagħmel lottu klandestin jew jiġbor il-flus tal-ġugati fuqu kif jingħad hawn fuq, u kull min b'xi mod igħin jew iħajjar f'daqshekk, jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux anqasminn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa usebgħin ċenteżmu (4,658.75) u mhux iżjed minn sitta u erbgħin elf,ħames mija u sebgħa u tmenin euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu(46,587.47) u l-priġunerija għal żmien ta' minn sitt xhur sa tnax-ilxahar.*

*(3) Il-ġugatur li ma jkunx kompliċi kif jingħad hawn fuq, jeħel,meta jinsab ħati, multa ta' mhux anqas minn mija u sittax-il euro usebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) u mhux iżjed minn erba' mijau ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87).'*

Illi ma ngabet l-ebda prova mill-Prosekuzzjoni illi l-imputat kien jorganizza l-lottu klandestin jew li kien jghin fl-organizzazzjoni ta' l-istess u ghalhekk ma tistax tinstab htija fl-imputat taht l-imsemmi Artiklu.

Illi ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq spjegati, il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat taht il-paragrafi (a) u (b) tal-imsemmija nota ta' rinviju.

Illi l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova bejn is-seduta tad-19 t'April 2007 u s-seduta tal-14 ta' Jannar 2009, f'liema seduta giet ikkonfermata biss is-sentenza li nghatat fil-kawza Il-Pulizija vs Alfred Galea.

Illi l-Artikli hargu fis-16 ta' Frar 2009[48] bir-riserva li jinstemghu ix-xhieda Leonard sive Nardu Cachia, Emanuel sive Leli Spiteri u Karmenu Farrugia. Illi dan iz-zmien, kwazi sentejn, intilef inutilment.

Illi fir-rigward tal-paragrafu (c) tan-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali fejn hargu l-Artikli li dwarhom tista' tinstab htija fl-imputat u cioe li taqra "*Fl-Artikolu 18,*

[48] A folio 277 tal-process.

*261 (d), 268 u 281 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*", din il-Qorti tqis illi mill-provi kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni ma ngabet l-ebda prova li l-imputat seraq l-imsemmija arma u ghalhekk din il-Qorti ma tista' ssib l-ebda htija fl-imputat f'dan ir-rigward.

Illi fir-rigward tal-paragrafu (d) tan-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali fejn hargu l-Artikli li dwarhom tista' tinstab htija fl-imputat u cioe li taqra: "*Fl-Artikoli 2, 3(1A), 9 (1) (3), 19, 26 u 27 tal-Kapitlu 66 tal-Ligijiet ta' Malta*", dan l-Att gie abolit u ma baqax jifforma parti mil-Ligijiet ta' Malta, hekk kif permezz tal-Avviz Legali 173 tas-sena 2006 gie fis-sehh l-Att 480 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe l-Att Dwar l-Armi li permezz tieghu gie abolit il-Kapitlu 66 u cioe l-Ordinanza dwar l-Armi. Illi ghalhekk l-Artikli tal-Ligi referiti fil-paragrafu (d) tal-imsemmi rinviju kif ukoll fl-att ta' l-akkuza ma kinux ghadhom jezistu stante li l-Kap. 66 kien ilu li gie abolit mill-15 t'Awissu 2006 u cioe ftit gimghat biss wara li hargu l-akkuzi.

Illi minn naha tal-Prosekuzzjoni qatt ma saret l-ebda talba f'dan ir-rigward ghall-korrezzjoni tal-imsemmija akkuzi, mhux biss izda dan lanqas sar minn naha tal-Avukat Generali meta hargu l-Artikli li fuqhom tista' tinstab htija fl-imputat, ghalkemm id-disposizzjonijiet tal-Kapitlu 480 kien ilhom fis-sehh. Lanqas saru sottomissjonijiet b'referenza ghall-Artikoli l-godda fil-ligi, u konsegwentament a bazi tal-principju "nullum crimen sine lege" din il-Qorti ma tistax issib htija fl-

imputat a bazi tal-imsemmija Artikoli illi, kif dedotti fl-akkuza u fl-imsemmija nota ta' rinviju tal-Avukat Generali, m'ghadhomx jikkostitwixxu reat. Il-Qorti qeghda tissottolinja dan il-punt stante illi hija ben konoxxenti tal-Artiklu 66, li jirregola kontravvenzjonijiet u l-Artiklu 67 (3) tal-Kapitlu 480, u tqis illi minkejja s-sistanza tal-Ligi setghet baqghet l-istess, ma hemmx dubju illi l-Artikli per se nbidlu, stante illi nbidlet il-ligi kollha li tirregola l-arma. Il-Qorti tqis ukoll illi kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll l-Avukat Generali kellhom aktar minn bizzejjed zmien sabiex jirregolaw ruhhom dwar dan, izda naqsu milli jirregolaw l-atti in vista tad-dhul fis-sehh tal-Kapitlu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fir-rigward tal-paragrafu (e) tan-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali fejn hargu l-Artikli li dwarhom tista' tinstab htija fl-imputat u cioe li taqra: "*Fl-Artikoli 119, 140 u 141 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*".

Illi l-Artiklu 119 tal-Kap. 9 jaqra hekk:

*"Il-piena tal-interdizzjoni ġenerali perpetwa jewinterdizzjoni ġenerali speċjali, jew it-tnejn, skont kif ikun il-każ, tiżdied mal-pieni msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, meta l-maximum ta' dawn il-pieni jkun iżjed minn sentejn priġunerija; meta l-piena ma tkunx iżjed minn sentejn priġunerija, tiżdied il-piena tal-interdizzjoni ġenerali temporanja jew interdizzjoni speċjali temporanja, jew it-tnejn, kif ikun il-każ."*.

Illi l-Artiklu 140 tal-Kap. 9 jaqra hekk:

"*Fil-każijiet ikkontemplati fl-artikoli 133 sal-139 inklużivament, il-qorti tista', mal-piena hemm fihom imsemmija, iżżid il-piena tal-interdizzjoni ġenerali, temporanja jew perpetwa.*"

Illi l-Artiklu 141 tal-Kap. 9 jaqra hekk:

"*Barra mill-każijiet li fihom il-liġi tgħid espressament liema huma l-pieni li għandhom jingħataw għar-reati li jsiru minnuffiċjali jew impjegati pubbliċi, kull uffiċjal jew impjegat pubblikuli jsir ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew liminħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jeħel,meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għal dak ir-reat, miżjuda bi grad.*"

Illi stante illi l-Qorti ma hiex issib htija fl-imputat, dawn l-Artikli ma humiex applikabbli.

Illi fir-rigward tal-paragrafu (f) tan-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali fejn hargu l-Artikli li dwarhom tista' tinstab htija fl-imputat u cioe li taqra: "*Fl-Artikoli 17, 23, 23B, 30, 31, 289, 532A, 532B, 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta*".

Illi stante illi l-Qorti ma hiex issib htija fl-imputat, dawn l-Artikli ma humiex applikabbli.

**Decide:**

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha moghtija u spjegati f'din is-sentenza, din il-Qorti ma tistax ssib htija fl-imputat u ghalhekk qed tilliberah mill-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur